# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025**

**Numru 24**

**Rikors numru 915/2017/1 GMG**

**Brian Schembri**

**v.**

**National Orchestra Limited (C-21996)**

## Il-kwistjoni

1. L-attur fetaħ din il-kawża biex l-*ex-employer* tiegħu, in-National Orchestra Limited, tħallsu tlett snin paga skont klawsola ta' terminazzjoni fil-kuntratt ta' impjieg. Il-konvenuta eċċepiet:

> "1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet segwenti:

i. Illi kuntrarjament ghal dak espost mill-attur, ma huwiex minnu li s-socjeta’ konvenuta temmet il-kuntratt tieghu peress illi huwa ma aċċettax l-emendi proposti lilu fil-kuntratt ta’ impjieg;

ii. Illi fl-ewwel lok, l-attur naqas milli jaderixxi ma’ numru ta’ obbligi u disposizzjonijiet kuntrattwali tieghu kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt il-kawza;

iii. Illi oltre dan u fit-tieni lok, l-attur abbanduna l-impjieg tieghu meta naqas li jkun preżenti biex jidderieġi kunċert kif kien mitlub jaghmel fl-24 ta’ Gunju 2017;

iv. Illi in vista ta’ dan l-abbandun, is-socjeta’ konvenuta kellha taghmel arranġamenti ta’ emerġenza sabiex jinġieb Maestro sostitut ghall-attur, u dan bi spiża konsiderevoli inaspettata li ġiet sostnuta mill-istess socjeta’ konvenuta;

v. Illi sussegwentament, is-socjeta’ konvenuta rrizolviet li tittermina l-impjieg ta’ l-attur f’laqgha tal-Bord tad-Diretturi proprju fit-30 ta’ Gunju 2017, sitt ijiem biss wara li r-rikorrenti abbundanza l-impjieg tieghu;

vi. Illi l-attur filwaqt li gie mgharraf bil-motivi li jiġġustifikaw it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu, fl-ebda istanza ma kkontesta l-motivi wara din it-terminazzjoni;

2. Illi ghalhekk, is-socjeta konvenuta kellha raġunijiet validi u suffiċjenti fil-ligi sabiex tittermina l-impjieg ta’ l-attur u konsegwentament ma hemm l-ebda ammont dovut minnha lilu.

3. Illi konsegwentament it-talbiet tal-attur ghandhom jiġu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra tieghu.”

2. B’żieda mal-eċċezzjonijiet, il-konvenuta għamlet kontrotalba biex il-Qorti tiddikjara li l-impieg intemm tort tal-attur li abbanduna xogħlu u li ssir likwidazzjoni u ħlas tad-danni li tgħid li sofriet minħabba l-aġir tal-attur.

3. Għall-kontrotalba, l-attur eċċepixxa li din taqa’ taħt il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali skont Art. 75(1) tal-Kap. 452 u li għalhekk il-Qorti ma kellhiex kompetenza *rationae materiae*.

## L-isfond

4. Ir-retroxena ta' din il-kawża kienet din:

5. Il-partijiet daħlu f'kuntratt ta' impjieg li fil-partijiet rilevanti kien jaqra hekk:

> *"- The Maestro shall be engaged with the Orchestra as Artistic Director and Principal Conductor of the MPO.*
>
> *- The duration of this agreement shall be that of 36 months as from 1 January 2014 up and until 31 December 2016 and is automatically renewable.*
>
> *- The Maestro shall be responsible to provide the Orchestra with the following services:*
>
> *a) As Artistic Director, the Maestro will be responsible for:*
>
> *i) Consultation services to the Chairman, the Board and other staff, as the case may be regarding all activities of the orchestra, namely:*
>
> *a) the general organization of all MPO's activities;*
>
> *b) the identification of adequate spaces for all the MPO's music activities available, including those existing, presently or eventually under construction and the study for their optimum use;*
>
> *c) the development as necessary, of a structure plan including logistics administration and technical, for implementation in the forthcoming seasons;*
>
> *d) the participation and counselling in the choice of related staff recruitment;*
>
> *ii) The elaboration of the music programme of the Orchestra, namely:*
>
> *a) the organizationa and set-up of the MPO's calander of all activities;*
>
> *b) the choice of repertoire and programming policy;*
>
> *c) the choice of guest artists (conductors, soloists, and any other artistic collaborators);*
>
> *d) the final choice in the recruitment process of new members of the MPO;*

*e) the development of new audiences and educational programmes.*

*b) As Principal Conductor:*

*i. The Maestro guarantees his services to conduct the MPO in a minimum of 5(five) programmes per year.*

*ii. Each Programme may be given a maximum of 2 consecutive performances;*

*Termination*

*- At the expiry of the term as identified in clause 2, the Orchestra shall offer the Maestro a right of first refusal to the same post with no less favourable conditions than those current at the expiry of the period should the post be reconfirmed for a further period.*

*- Should this agreement be terminated by the Orchestra, the Orchestra will pay the Maestro a full 3 year term payment.*

*- This agreement can be terminated by the Maestro, for any reason and at any moment. In such eventuality, the Maestro will give the Orchestra a six month official notice and guarantees to honour all current pending obligations during the current termination period of six months."*

6. Fis-27 ta' Diċembru 2016, ċjoè qabel ma skada l-kuntratt, Sigmund Mifsud kiteb lill-attur bil-posta elettronika u qallu "*I am pleased to inform you that the Board of Directors would like to renew the duration by a further three years*." L-attur wieġbu u ġibidlu l-attenzjoni li ma kienx hemm ħtieġa ta' kuntratt ġdid għaliex l-artiklu 7(a) tal-kuntratt viġenti kien diġà ħa ħsieb għal tali tiġdid. Sigmund Mifsud wieġeb u qal li skont klawsola 2 tal-ftehim iż-żmien kien qiegħed jiġġedded, "*however the Contract has been reviewed from a legal perspective to include additional clauses as Clause 7 permits and I shall be sending you a copy of this agreement which in essence is not less favourable than the present one*."

7. Meta skada t-terminu l-attur baqa' jaħdem mal-konvenuta li baqgħet tħallsu s-salarju.

8. Wara li beda t-terminu ġdid ta' tlett snin oħra, il-konvenuta bagħtet abbozz ta' kuntratt ġdid lill-attur, li m'aċċettahx.

9. L-attur ma pparteċipax f'kunċert li sar fis-16 ta' Ġunju 2017 wara li kiteb bl-avukat tiegħu li ma kienx sejjer jipparteċipa jekk ma jiġix rikonoxxut bħala l-Direttur Artistiku a tenur tal-kuntratt tal-impjieg.

10. Fil-minuti tal-laqgħa tal-21 t'Awwissu 2017, tal-Bord tal-attriċi hemm imniżżel li:

> *"The board was informed that Mro Schembri has not accepted the amendments to his contract proposed by the Board at its meeting of the 20th July 2017, namely a contract of service for 4 years. Therefore the Board unanimouslv aqreed to terminate the current contract."*

## Sentenza *in parte*

11. Permezz ta' sentenza *in parte* tas-27 ta' Marzu 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-attur għall-kontrotalba.

## Sentenza finali

12. B'sentenza tat-30 ta' Settembru 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjonijiet u t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta

u laqgħet it-talbiet tal-attur fil-mertu, wara li għamlet *inter alia* l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "1. L-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta fil-kapacita' ta' Artistic Director and Principal Conductor tal-Malta Philarmonic Orchestra permezz ta' kuntratt ta' mpjieg iffirmat bejn il-partijiet fit-12 ta' Novembru, 2013 ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2013 sal-31 ta' Dicembru 2016 "*and is automatically renewable*". Bl-eghluq ta' dan it-terminu, l-attur qies illi l-kuntratt kien awtomatikament mgedded ghall-tlett snin ohra wara li kien infurmat illi "I am pleased to inform you that the Board of directors would like to revew the duration by a further three years"2 erbat ijiem qabel l-iskadenza tla-kuntratt. Is-socjeta' konvenuta, izda, kienet tal-fehma illi r-relazzjoni ta' bejnithom kienet tehtieg li jkun iffirmat kuntratt gdid tant illi kienet ipproponiet emendi ghall-kuntratt originali. Dawn l-emendi, skond is-socjeta' konvenuta kienu intizi sabiex jirriflettu l-izviluppi fir-relazzjoni ta' bejnithom b'dan illi l-attur qies illi dawn huma emendi ghall-kuntratt ta' impjieg vigenti stante li lkuntratt originali kien awtomatikament imgedded. Dawk ilproposti ma kienux accettabbli ghall-attur rikonvenzjonat peress illi kienu anqas favorevoli mill-kundizzjonijiet originali u kienu ser jimminaw il-hidma tieghu fi hdan l-orchestra;
>
> 2. Minkejja l-posizzjoni sussegwentement addottata mis-socjeta' konvenuta li l-kuntratt originali kien intemm u wara diversi laqghat u diskussjonijiet li sehhew wara z-zmien definit talkuntratt originali u minkejja li l-attur kien ghadu ghaddej fil-qadi ta' dmirijiet tieghu, s-socjeta' attrici hadet decizzjoni sabiex "tittermina" l-kuntratt l-ewwel fuq il-premessa li l-attur naqas milli jiffirma ghall-bdil tal-kuntratt originali imbaghad ghaliex kien abbanduna d-doveri tieghu. Din id-decizzjoni ttiehdet filkuntest ta' allegat mgieba hazin da parti tal-attur li kien meqjus li abbaduna xoghlu. Haga din li l-attur jikkontesta b'mod ferventi tant illi iqis li l-impjieg tieghu kien ilu de facto terminat mis-socjeta' konvenuta bl-attitudini taghha meta bdiet timxi kontra d-decizjonijiet tieghu jew tiehu decizjonijiet li kienu prettament jaqghu fil-mansjoni tieghu u minn wara daru;
>
> Fatti fid-dettall:
>
> 3. Tajjeb li jkun rilevat illi l-provi f'din il-kawza ilhom ikunu kompilati mis-sena 2017 b'waqfien impost mill-konsegwenzi talpandemija Covid-19. Jemergi mill-atti illi l-Qorti tat diversi oportunitajiet sabiex il-protagonisti jivventilaw l-ilmenti taghhom u dan maqsum fuq medda ta' seduti b'mod li jirrendi imprattikabbli r-riproduzzjoni tad-deposizzjonijiet b'mod dettaljat dak li qalu l-protagonisti, jigifieri l-attur u Sigmund Mifsud li kien Chairman u CEO tas-socjeta' konvenuta fiz-zmien in-kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tissenjala l-aktar punti saljenti ta' dan il-kaz b'referenza ghal uhud middokumenti minnhom esebiti;

4. Fis-sena 2013, Sigmund Mifsud, li dak iz-zmien kien icChairman u c-Chief Executive Officer tas-socjeta' konvenuta, National Orchestra Limited, kien avvicina lill-attur sabiex jingaggah bhala Principal Conductor u Artistic Director tal-Malta Philarmonic Orchestra. Mifsud deherlu li l-Orchestra kellha htiega ta' talent gdid sabiex tinghata direzzjoni gdida u ssib postha ukoll fuq livell internazzjonali u li l-attur qua musicist, pjanist u konduttur ta' fama u esperjenza internazzjonali, kien ilpersuna adatta ghal-dan il-ghan. L-attur ma kienx konvint izda finalment accetta dan ir-rwol u kien abbozzat kuntratt ta' mpjieg li fih ippartecipa l-istess attur billi ppropona fost ohrjan l-idea, eventwalment inkorportata fil-kuntratt, li ghall-hames kuncerti fis-sena li ghalihom kien responsabbli, minghajr remunerazzjoni ohra, issir ripetizzjoni ta' kull kuncert taht id-direzzjoni tieghu, b'mod allura li minkejja li jithallas ta' hames kuncerti fil-fatt ikun qed jikkonduci ghaxar kuncerti;

-omissis-

7. Issa, mill-provi akkwiziti jidher illi dak li aspira ghalih Sigmund Mifsud immaterjalizza u l-Orchestra kellha successi kbar sahansitra barra minn Malta. Ghal ragunijiet maghrufa lissocjeta' konvenuta, izda, vicin it-tmiem tal-kuntratt originali bdew isehhu hwejjeg li bil-mod il-mod kienu qed jimminaw lawtorita' li l-Maestro kien jehtieg, u li kellu kwazi matul it-tlett snin, sabiex l-Orchestra zzomm il-livell li kienet lahqet. Hekk per ezempju meta kien qies li ghal kuncert partikolari kellu bzonn jingagga muzicisti oltre dawk li huma permanenti u ta ddirezzjoni biex isir hekk, meta wasal iz-zmien tal-kuncert sab illi dan ma kienx sehh u meta staqsa ghaliex inghata r-risposta li hekk kien ordna Sigmund Mifsud;

8. Il-Qorti mhix ser tinoltra f'rassenja tal-ezempji kollha rakkontati mill-attur b'dan illi tqis li hi konvinta li dawn sehhew kif minnu rakkontati meta ezaminati mill-ottika tax-xenarju prezentat lilha u li fattwalment ma ngiebet ebda prova kontrarja dwarhom. Sufficjentement jinghad illi din is-sitwazzjoni pprorogat ruhha sa wara t-tmien tal-kuntratt originali li skond lattur kien awtomatikament imgedded meta kien formalment notifikat illi: "*since you have not accepted to sign the contract with the new terms and conditions I gave instructions to the management not to involve you in any artistic decisions related to the MPO*";

9. Tajjeb li jkun osservat ukoll dak kontenut f'komunikazzjoni ohra mal-attur fejn intqal hekk: "*May I also remind you that as decided by the board of directors a programming committee has been set up to plan next year's artistic programme. We had our first meeting last week and it was decided to offer you 3 concerts from our series of concerts organized by the MPO. If you agree to take such a commitment I shall send you the proposed dates and we will discuss the terms and conditions*". Haga din li kienet fil-mansjoni tal-attur bhala Artistic Director;

10. Illi b'hekk l-attur sab ruhu f'ambjent fejn f'ghajnejn ilmanagement u l-membri tal-orchestra ma kienx ghad ghandu dik l-awtorita' ta' treggija.

Minkejja dan, u kif juru l-atti, huwa rmedja ghall-kull sitwazzjoni billi l-progamm kif imfassal dejjem sehh anke jekk b'tibdil fil-bicciet maghzula sabiex jaghmel tajjeb ghal dak michud minn Sigmund Mifsud. F'sitwazzjonijet ohra sab ruhu fejn wara awdizzjonijiet kienu ingaggati muzicisti kontra l-parir tieghu li intghazlu fuq ohrajn li kienu ta' kompetenza akbar minkejja li dik id-decizzjoni kienet finalment tispetta lilu;

11. Minn naha taghha, s-socjeta' konvenuta sia ghal-fini tar-risposta taghha kif ukoll kwantu t-talbiet rikonvenzjonali taghha, allegat diversi nuqqasijiet da' parti tal-attur fosthom li kien qed iqieghed ir-reputazzjoni tal-Orchestra f'dell hazin b'tali mod li l-isponors taghha kienu qed jabbandunawha. Allegat ukoll li kellha tinkorri spejjez zejda billi tingagga Maestro iehor biex jikkonduci kuncert partikolari. Dak li semghet il-Qorti, izda, huwa biss detto del detto u ma ngiebet ebda prova sostenibbli dwarhom, apparti l-fatt li jidher li dak allegat kien jirreferi ghal zmien meta r-relazzjoni bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta kienet intemmet. Jekk is-socjeta' konvenuta allegat certu komportament iebes da parti tal-attur mal-membri tal-orchestra, ma ngiebet ebda prova diretta mqarr minn membru wiehed. Minn dak li semghet il-Qorti, l-attur huwa perfezzjonist u jesigi xejn hlief rizultat ta' kwalita' mill-muzicisti; jekk kellu jsir recording tal-muzika kellu jkun infurmat qabel peress li kien hu responsabbli ghall-ghazla taghha u jekk kellu diverbju malkumpaniji li kienu prezenti biex jiehdu filmat ta' kuncert minghajr preavviz meta kellu l-ahhar decizjoni fuq hekk, allura kien gustifikat li jilmenta mal-kumpaniji u mhux mal-camera person kif allegat mis-socjeta' konvenuta;

Ikkunsidrat:

12. Illi esposti dawn il-fatti, izda, l-kwistjoni odjerna mhix dwar jekk is-socjeta' konvenuta kelliex ragun fit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' mpjieg tal-attur. Ezami u decizzjoni in rigward tezorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti stante li hi rizervata ghattribunal appozitu. Il-pern tal-kwistjoni odjerna huwa jekk l-attur huwiex intitolat ghall-penali kawza ta' terminazzjoni ta' kuntratt vigenti li jistipula li terminazzjoni minghajr raguni valida da parti tas-socjeta' konvenuta iggib maghha hlas ta' tlett snin paga u jekk l-allegat abbandun ta' doveri igibx jissarrafx f'kundanna ghall-hlas ta' dawk id-danni;

13. Meta waslet biex tintemm id-durata tal-kuntratt originali, is-socjeta' konvenuta infurmat hekk lill-attur:

"*Dear Brian Reference is made to your contract of employment with the MPO which is due to expire on the 31 December 2016. I am pleased to inform you that the Board of Directors would like to renew the duration by a further three years. To this effect the MPO shall prepare a reviewed contract of employment to adhere with Maltese Legislation"*

14. Dan l-avviz jemergi minn email mibghuta minn Sigmund Mifsud lill-attur fis-27 ta' Dicembru 2016, jigifieri erbat ijiem qabel jintemm it-terminu definit tal-ewwel kuntratt. L-attur rreagixxa ghall-dan billi qies li ma kien hemm ebda htiega ta' kunratt gdid stante li l-kuntratt originali jiggedded b'mod awtomatiku. L-attur ghandu ragun dwar dan la darba din ilklawsola hija cara u ma tammetti l-ebda htiega ghall-interpretazzjoni. In sostenn ta' din il-konvinzzjoni, tajjeb li jinghad illi l-attur baqa' jippercepixxi l-paga tieghu wara liskadenza tal-kuntratt originali issa meqjus bhala imgedded ghall-tlett snin ohra;

15. Irid ikun ukoll puntwalizzat illi minkejja dan, l-attur kien qabel ma' hafna mill-emendi proposti biex "jemendaw" ilkuntratt imgedded hlief ghal dawk li kienu ser jaghtu xejra differenti ghall-ingagg tieghu. Is-socjeta' konvenuta riedet tibdel il-kuntratt tal-attur minn wiehed ta' impjieg ghal wiehed ta' servizzi fejn issa jsir "self employed" kif ukoll li jnehhulu dik lfunzjoni li ssawwar r-rwol ta artistic director. Haga din li kienet ilha ddejjaq lill-Sigmund Mifsud tant illi f'okkazzjoni minnhom irrifjuta li formalment jirrikonoxxi lill-attur bhala Artistic Director waqt awdizzjoni u projbixxa lill-istess attur milli jaghmel hekk hu stess;

16. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi wara li l-kuntratt originali kien imgedded awtomatikament ghall-tlett snin ohra, ssocjeta' konvenuta ghamlet minn kollox biex tqieghed lill-attur f'qaghda li ma jkunx jista' jonora l-obbligi tieghu, liema azzjonijiet raw il-qofol taghhom f'kuncert li l-partijiet jirreferu ghalih bhala l-Kuncert tal-Indipendenza fejn l-attur ra kif jaghmel biex ivarja l-programm sabiex dan isir akkost taddifikultajiet minnu riskontrati provenjenti mis-socjeta' konvenuta;

17. Tajjeb li jkun senjalat ukoll illi fil-21 t'Awissu, 2017, jigifieri tmien xhur wara t-tmien tal-kuntratt originali, f'laqgha ta' Bord tas-socjeta' konvenuta kien registrat illi "*The board was informed that Mro Schembri has not accepted the amendment to his contract proposed by the Board at its meeting of the 20th July 2017, namely a contract of service for 4 years. Therefore the Board unanimously agreed to terminate the current contract*". Ifisser dan illi l-kuntratt originali kien ukoll meqjus bhala mgedded millistess socjeta' konvenuta u li t-terminazzjoni bazata fuq labbandun tad-doveri tieghu emergenti mill-Kuncert talIndipendenza kienet biss pretiza opportunistika li s-socjeta' konvenuta ressqet biex tiggustika d-decizzjoni gia minnha mehuda wara li ntebhet li t-terminazzjoni kien jesponiha ghalhlas ta' tlett snin salarju;"

## L-aggravji

13. Il-konvenuta m'appellatx mis-sentenza *in parte*; iżda appellat mis-sentenza finali tat-30 ta' Settembru 2024 bl-aggravji li din kellha nuqqas:

"(i) t'apprezzament tal-fatti;
(ii) fil-motivazzjoni; u
(iii) ta' kunsiderazzjoni tal-kontrotalba."

14. Qabel tgħaddi biex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha, din il-Qorti jkollha tistqarr li l-aggravji huma esposti b'mod ingarbuljat għall-aħħar. Fl-ewwel lok, taħt il-kappa tal-ewwel aggravju, l-appellanti ddeffes, b'mod illoġiku u inkongruwu għall-aħħar, doljanzi ta' natura legali, ċjoè:

"(a) Jekk il-kuntratt kienx wieħed definit jew indefinit;
(b) Kinitx il-konvenuta ġġustifikata ttemm il-kuntratt; u
(ċ) Jekk il-ħlas pretiż mill-attur hux paga jew penali."

15. Fit-tieni lok, it-tieni aggravju huwa effettivament kontinwazzjoni jew aħjar ripetizzjoni tal-ewwel aggravju.

**Kuntratt definit jew indefinit**

16. Dwar punt (a) l-appellanti tissottometti hekk:

"18. Illi l-ewwel kontroversja legali li kellha tiġi indirizzata tinkwadra proprju fuq in-natura tal-istess kuntratt ta' impjieg li skatta fl-l ta' Jannar 2014. Dan il-kuntratt kien jispeċifika li huwa għal perjodu ta' tliet snin. Il-konstatazzjoni ta' terminu (tliet snin) joħloq dubju dwar jekk kienx tassew kuntratt ta' impjieg għal żmien definit jew indefinit. Hekk ukoll il-fatt li fl-istess waqt li l-kuntratt kien jispeċifika validità ta' snin determinati, kien ukoll rinnovabbli 'awtomatikament', u jekk ossia din tbiddilx in-natura tal-kuntratt minn wieħed definit għal indefinit.

19. Din il-kontroversja hija ewlenija peress illi tiddetermina jekk it terminazzjoni tal-kuntratt kinitx tikkonsisti fi tmiem ta' kuntratt definit jew indefinit għall-finijiet tal-Artikoli rispettivi tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-effetti tagħhom. Dan l-aspett baqa' ma ġiex indirizzat mill-Ewwel Qorti."

17. L-appellanti ma tispjegax x'konsegwenzi hemm fuq din il-kawża jekk il-kuntratt sarx wieħed indefinit inkella ġiex imġedded għal tlett snin. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma tagħmel l-ebda differenza jekk il-kuntratt sarx wieħed indefinit jew le, għaliex, irrispettivament minn dan, xorta waħda kienet tiġi l-klawsola 7(b) tal-kuntratt.

18. Barra minn hekk, din id-doljanza qiegħdha titqajjem għall-ewwel darba f'dan l-istadju u ma tqajmitx quddiem l-Ewwel Qorti. Mhux leċitu li l-konvenuta tqajjem materji quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni li fl-ebda ħin ma ġiet ventilata minnha quddiem l-Ewwel Qorti. Dan "kemm għax dan ikun jissorprendi lill-kontroparti u jipprivaha mid-dritt tad-doppio eżami kif ukoll għaliex il-Qorti ma għandhiex bħala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bbażati jkunu ovvjament diġa magħrufa sew… qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti".[1]

## Ġustifikazzjoni tat-temm tal-kuntratt

19. Dwar il-punt (b) l-appellanti ssostni li:

[1]Malcolm Cachia v Joseph Apps 30.06.1997 mogħtija minn din il-Qorti, s'intendi diversament ippreseduta.

> "20. Sussegwentement, fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti tipprovdi illi vertenza dwarcjekk kienx tmiem ta' impjieg ġustifikatjew le hija materja li tiġi deċiża mit-Tribunal Industrijali. Fil-Punt 12 tas-sentenza kkontestata, jingħad:
>
> > "Illi esposti dawn il-fatti, iżda, l-kwistjoni odjerna mhix dwar jekk is-soċjeta' konvenuta kellhiex raġun fit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' mpjieg tal-attur. Eżami u deċiżjoni in rigward teżorbita l kompetenza ta' din il-Qorti stante li hi riżervata għat-tribunal appożitu."
>
> 21. Madankollu, fis-sentenza in parte preċedentement mogħtija mill-istess Qorti, nhar is-27 ta' Marzu 2018, iżda diversament ippreseduta, jingħad ċar illi fkawża bħal din ineżami, ma tistax tispezzetta parti mit-talbiet (jew il-kontrotalba innifisha) bejn Tribunal Industrijali u Qorti Ordinarja. Ingħad għalhekk»:
>
> > "Huwa hekk għaliex, iddur fejn iddur, bl-ebda tiġbid tal-prinċipji tad-dritt ma tista' vertenza ta' din ix-xorta tiġi spezzettata b'tali mod illi parti tispiċċa ssib rimedju quddiem il-Qrati ordinarji u parti oħra tipiċċa ssib rimedju fit-tribunal industrijali."
>
> 22. Illi diġà, l-istess Qorti donnha tikkontradixxi l-pożizzjoni tagħha fejn inizjalment qieset li hija l-Qorti Ordinarja li kellha tidħol fi kwistjonijiet bħalma huma terminazzjoni ta' impjieg (abbażi tan-natura tal-kawża odjerna), iżda fis-sentenza proprja imbgħad tiskarta dan l-argument kompletament.
>
> 23. Għalhekk bid-dovut rispett, l-ewwel Qorti kellha tidħol fuq dan l-aspett l-għaliex is-sitwazzjoni ta kuntratt indefinit hija regolata differenti milli kuntratt definit. Kellha wkoll tqis jekk kinitx terminazzjoni abbażi ta' raġuni valida fil-liġi."

20. Tassew li l-Ewwel Qorti qalet li l-kompetenza tagħha mhijiex dik li jiġi deċiż jekk terminazzjoni kienetx għal raġuni tajba u suffiċjenti. B'danakollu, minkejja dan il-kumment, xorta waħda għarblet il-mod kif iddeterjoraw ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ partijiet u xeħtet it-tort ta' dan fuq l-appellanti.

21. L-Ewwel Qorti qieset (paġni 18 sa' 20 tas-sentenza) li t-terminazzjoni bbażata fuq l-abbandun tad-doveri tal-attur emerġenti mill-Kunċert tal-Indipendenza kienet biss pretiża opportunistika li s-soċjetà

konvenuta ressqet biex tiġġustika d-deċiżjoni li diġà kienet ħadet wara li ntebħet li t-terminazzjoni kien jesponiha għall-ħlas ta' tlett snin salarju.

22. Tenut kont ta' kif l-ewwel Qorti spjegat bir-reqqa dwar kif kien qed jiġi mminat l-appellat, ma tistax is-soċjetà appellanti tmeri dak li jidher bl-iktar mod ċar fis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti ma daħlitx f’dan l-aspett.

**Ħlas ta’ paga jew penali**

23. Dwar punt (ċ) l-appellanti qalet hekk:

> “29. Hekkukoll, fis-sentenza appellata, il-Qorti stqarret li tqis li dak reklamat mill-appellat *qua* attur f’każ ta' kuntratt itterminat min-naħa tas-soċjetà appellanta, tkun tlett snin paga. Hekkjingħad f’Punt 19 (paġna 20) tas sentenza appellata: "Tqis ukoll illifit-terminu tal-istess kuntratt lijorbot lill-partijiet, s-soċjeta' konvenuta hija possibbli all-ħlas ta' tlett snin paga. F'dan il-każ, l-ammont dovut lill-attur huwa dak minnu indikat ta' C168,431.96."
>
> 30. Hekk ukolljiġi replikat :fid-dispożittiv tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti: "Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur s-somma ta' C168,431.96 rappreżentanti tlett sninpaga."
>
> 31. Is-soċjetà appellanta tifhem li permezz ta' din l-ordni, National Orchestra Limited ġiet ikkundannata tħallas is-somma ta' €168,431.96 f’pagi mitlufa mir-rikorrent.
>
> 32. Iżda fil-Punt 12 tal-istess sentenza (paġna 18), l-Ewwel Qorti tiddipartixxi minn ħlas ta' pagi u tindika 'penali': "Il-pern tal-kwistjoni odjerna huwajekk l-attur huwiex intitolat għall-penali kawża ta' terminazzjoni ta' kuntratt viġenti li jistipula li terminazzjoni mingħajr raġuni valida da parti tas soċjetà konvenuta iġġib magħha ħlas ta' tlett snin paga u jekk l-allegatabbandun ta' doveri jissarrafxf’kundanna għall-ħlas ta' dawk id-danni."
>
> 33. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li l-kuntratt ta' impjieg mal-Mro Schembri ma kienx jikkontempla penali pre-likwidati, iżda li fkaż ta'

> terminazzjoni antiċipata (mingħajr raġuni valida fil-liġi) tikkontempla ħlas ta' tliet snin ~
>
> 34. L-inċertezza li ħolqot l-Ewwel Qorti hija ampja u evidenti, u hija raġuni ulterjuri għaliex is-sentenza qed tiġi kkontestata vigorożament. Intrinsikament dan il-punt jorbot ukoll mal-fatt jekk is-soċjetà appellanti kinitx korretta legalment li tittermina kuntratt ta' impjegat tagħha li abdika mir-responsabbiltajiet tiegħu
>
> 35. Hija l-fehma tas-soċjetà appellanti li hija ressqet biżżejjed provi biex turi li t-terminazzjoni kienet waħda valida skont il-liġi bil-konsegwenza li l-ebda ħlas ma kien dovut lill-appellat.
>
> 36. Dan ma kienx biss dovut għall-fatt li l-Mro Schembri kien abbanduna l-kunċert tal-Indipendenza f' Ġunju 2017, iżda s-sitwazzjoni li għaliha saret referenza iktar 'il fuq, u cioe ta' governanza operattiva inkluż tal istess kuntratt."

24. Dan l-aggravju huwa wieħed sofista għall-aħħar. It-tlett snin paga kienu bla dubju ta' xejn penali pre-likwidati. Kinux applikabbli irrispettivament minn jekk kienx hemm raġuni valida għat-terminazzjoni tal-kuntratt jew le hija interpretazzjoni li l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tidħol fiha għaliex sabet li t-twaqqif tal-kuntratt ma kienx ġustifikat.

**Apprezzament tal-fatti mill-Ewwel Qorti u difett fil-motivazzjoni**

25. L-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset li twieżen sewwa l-provi li ġew *sottomessi* quddiemha:

> "12. Illi wara l-esperjenza tal-ewwel tliet (3) snin, is-soċjetà appellanti riedet taġġusta xi klawżoli kuntrattwali sabiex jippermettu iktar streamlining operattiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan peress li nħolqot sitwazzjoni anomala fejn id-Diretturi tas-soċjetà appellanti, li allura

jġorru magħhom ir-responsabbiltà legali għall-operat tal-istess kumpanija, tpoġġew fpożizzjoni li ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet jekk mhux bil barka tal-Mro Schembri.Kienet żvolġiet fsitwazzjoni fejn l-impjegat jagħti direttivi li l-Bord tad-Diretturi kostrett isegwi mingħajr kontestazzjoni.Dan ma kellu qatt ikun l-ispirtu tan-natura kuntrattwali lavorattiva bejn il-Mro Schembri u s-soċjetà appellanti.

13. Imqar eżempjuwieħedli l-Ewwel Qorti skartat kompletament, kienetix xhieda ta' Karmenu Vella, li kien il-President tal-Professional and Services Employees Union, li allura kien jirrappreżenta l-mużiċisti. Fix xhieda tiegħu dan stqarr li l-ilmenti fil-konfront tal-appellat Mro Schembri kienu jsiru b'mod regolari mill-mużiċisti lilu u hu kien iressaq dawn l-ilmenti lill-*management* tas-soċjetà appellanti. Stqarr li l mużiċisti kienu jilmentaw miegħu minħabba attitudni negattiva tal-appellat, għax kien jaħtafhom, il-mod ta' kif kien ikellimhom, tant li " ..l mużiċisti lanqas riedu jidħlu għar-rehersal per eżempju " (tergo ta' fol. 386). Mistoqsi jekk qattx sarux strikes jew azzjonijiet industrijali f'dan ir-rigward, l-imsemmi xhud qal li: "ma sarux pero` wara ..li għamilna r-rappreżentazzjonijiet management u wara li jiena ikkalmajt ħafna lill-mużiċisti, jiġifieri għalhekk ma sarux". Saħansitra, tant kienet qed tinħoloq tensjoni li kien hemm membri tal- orkestra li kienu qegħdin jieħdu *sick leave*. Is-soċjetà appellanti kellha dover li trażżan l-attitudni tal-appellat, li kien iħossu 'l fuq minn kulħadd.

14. Illi meta ġew proposti aġġustamenti li kienu jesiġu reporting lines.iktar razzjonali, (liema aġġustamenti ma kinux ser jirrendu l-kuntratt inqas favorevoli għar-rikorrent ftermini finanzjarji), il-Mro Schembri insista li l-estensjoni tal-kuntratt kellu jkun bil-kundizzjonijiet li jimponi hu, jew majiffirmahx.

15. L-Ewwel Qorti ċertament naqset milli tikkunsidra dan l-isfond li allura ppreċipita d-degradazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Kif ġie ampjament ipprovat fil-kawża, il-Mro Schembri baqa' jinsisti (anki fix-xhieda tiegħu), li s-soċjetà appellanti kellha tagħmel biss dak li jgħid hu u din żvolġiet fi problematika prattika u operattiva. Iżda minflok ikkunsidrat dan l-aspett operattiv, l-Ewwel Qorti donnha kienet iktar propensa tara jekk l-Orkestra Nazzjonali għamlitx suċċessjew le fi żmien meta l-Mro Schembri kien impjegat.

16. Jiġi rispettożament rilevat illi bis-sentenza kkontestata, il-kontroversji legali ma ġewx indirizzati, anzi pjuttost fl-istess sentenza appellata, wieħedjiskontra addirittura diversi kontradizzjonijiet ġodda.

17. Kiflanqas maġewindirizzatil-azzjonijiettal-appellat li meta abbanduna l-pożizzjoni tiegħu, mar fuq varji mezzi tal-midja u għamel pubbliċità negattiva lill-Orkestra Nazzjonali li timpjegah. Illi minflok mexxa l kunċert tal-Indipendenza, pjuttost orkestra kampanja kontra s-soċjetà appellanti, u beda jagħmel hekk bil-għan li jilwi idejn l-istess soċjetà li fuq naħa riedha tonora kuntratt, iżda fuq naħa oħra joħroġjattakkaha pubblikament."

26. Imbagħad l-appellanti tallega li n-nuqqas ta’ apprezzament tajjeb tal-fatti wassal għal nuqqas ta’ motivazzjoni tas-sentenza.

> “42. Dan qed jingħad l-għaliex l-ewwel qorti, fis-sentenza tagħha qalet li l-protagonisti fdan il-każ kienu tnejn. Il-Maestro Sigmund Mifsud, h kien is-CEO tas-soċjetà appellanti u l-Maestro Brian Schembri l-appellat. Pero` minkejja dan, l-istess soċjetà appellanti ressqet diversi xhieda oħra li min b'mod u minb'mod ieħor saħħew il-pożizzjoni tagħha fil-konfront tal-attur appellat.
>
> 43. Illi l-Ewwel Qorti naqset milli imqar tagħmel referenza għal dawn ix xhieda, wisq inqas jidher li kkunsidrathom. B'hekk dan impatta l motivazzjoni madwar is-sentenza mogħtija.L-Ewwel Qorti tgħid li x-xhieda kienet vasta. Din twassal lis-soċjetà appellanti x'tifhem, b'kull dovut rispett, li iktarx din ix-xhieda 'vasta' jew ġiet skartatajew mogħija okkjata leġġera sal-punt li lanqas biss hija b'xi mod ikkwotata.
>
> 44. Il-Mro Sigmund Mifsud fil-vesti wkoll ta' Chairman tal-Bord, spjega fdettal il-problemi li kienu qedjiġu skontrati u li l-Mro Schembri rrenda l-pożizzjoni tiegħu għal waħda li riedet tiġi indirizzata. M'hawn ebda post tax-xogħol fejn impjegatjiddetta fuq il-Bord tad-Diretturi.
>
> 45. Illi a skans ta' ripetizzjoni, is-soċjetà appellanti tagħmel referenza għas sottomissjonijiet tagħha u għal provi mressqa…”

27. L-Ewwel Qorti sabet li kien hemm indħil fuq l-operat ta’ direttur artistiku tal-attur, u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Il-konvenuta ssostni li l-Qorti ma kinitx tasal għal din il-konklużjoni kieku ma njoratx bosta provi mressqa mill-konvenuta. Fir-rikors tal-appell issemmi biss eżempju wieħed ta’ dan: id-depożizzjoni tal-President tal-Union tal-mużiċisti li kien ikun hemm konflitti mal-ħaddiema mużiċisti għaliex l-attur kien jaħtafhom; u li minħabba t-tensjoni kienu qegħdin jieħdu s-*sick leave*.

28. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti. Fl-ewwel lok, dak li qal il-President tal-Union ma ġiex ikkorroborat mix-xhieda tal-ħaddiema

nfushom. L-Ewwel Qorti rrimarkat li l-attur, li hu mużiċista ta' fama internazzjonali u perfezzjonista, kien jesiġi l-ogħla livelli; tant li tul il-kuntratt tiegħu l-orkestra nazzjonali kellha diversi suċċessi barra minn Malta. Il-fatt li kien hemm tensjoni bejn l-attur u l-mużiċisti ma jfissirx li dan kien tort tal-attur; huwa iktar verosimili, fil-fehma ta' din il-Qorti, li t-tensjoni kienet isseħħ għaliex il-mużiċisti ma kinux jilħqu l-livell meħtieġ. Fit-tieni lok, l-argument huwa *non sequitur*; ir-relazzjoni mal-ħaddiema ma kinitx raġuni għat-terminazzjoni tal-kuntratt u lanqas ma kienet ir-raġuni għall-indħil minn Sigmund Mifsud fix-xogħol tal-attur.

29. Il-provi li l-attur ressaq dwar dan l-indħil bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ma ġew bl-ebda mod ikkontestati. Huma saħansitra kkorroborati b'oġġezzjonijiet bil-miktub mill-avukat tal-attur magħmulin *a tempo vergine*. Provi anke permezz ta' dokumenti li juru li Mifsud beda jimpedixxi lill-attur milli jagħmel xogħlu, billi, *inter alia*: bla konsultazzjoni miegħu biddel il-formazzjoni orkestrali billi jneħħilu wħud mill-istrumenti; neħħielu ċerti mużiċisti ta' livell għoli bl-iskuża li ma kienx hemm bżonnhom; qatagħlu l-kuntatt mal-isponsors; neħħielu bla raġuni *guest solos* li jkunu ntagħżlu permezz ta' kompetizzjoni; ippjana l-istaġun 2017-2018 għal kollox minn wara dahar l-appellat, minkejja t-talbiet numerużi tiegħu tul is-sena 2016 u 2017 biex jingħata l-elementi neċessarji biex jaħdem fuq il-programmazzjoni: l-għażla tar-repertorju u ta' artisti varji saret mingħajr ebda diskussjoni mal-appellat u mingħajr ma ngħata ebda

informazzjoni - u dan waqt li l-appellat suppost kien għadu Direttur Artistiku; jinjora ftehim li ċertu *recordings* li tagħmel l-orkestra jivvetjahom l-attur qabel ma joħorġu fil-pubbliku; injora l-istruzzjonijiet tal-appellat dwar skedi; eliminah mill-*auditions* tar-reklutaġġ; u għalhekk ma setax jaċċerta li jintgħażlu l-aħjar mużiċisti; informah bil-miktub li ġaladarba ma kienx aċċetta li jiffirma l-kuntratt b'kundizzjonijiet ġodda, kien ta struzzjonijiet biex l-attur ma jiġix involut fid-deċiżjonijiet artistiċi relatati mal-Malta Philarmonic Orchestra.

30. Il-konvenuta tallega li tterminat il-kuntratt minħabba li l-attur abbanduna l-kunċert tas-16 ta' Ġunju 2017. L-attur spjega x'ġara dakinhar u fil-ġranet ta' qabel:

31. Fit-30 ta' Mejju l-attur għamilha ċara li għalkemm kien irċieva komunikazzjoni mingħand Sigmund Mifsud li m'għadux *Direttur Artistiku*, insista li hekk kien għadu skont il-kuntratt. Qallu wkoll li "*I shall attend the audItions next month and forthcoming concerts as the MPO's Direttur Artistiku and Principal Conductor*."

32. Id-data tal-*auditions* tas-16 ta' Ġunju 2017, l-attur ma kienx jaf biha minn qabel sew, għax kien ġie eskluż mill-programmar, imma xorta niżel appositament minn Pariġi (fejn huwa jgħix) għaliha. Qabel ma niżel għall-kunċert, biex joqgħod *stand-by*, l-avukat tal-attur kiteb lis-Segretarju

Permanenti tal-Ministeru tal-Kultura, li kien qed jipprova jirranġa s-sitwazzjoni biex iħeġġu jrażżan l-indħil ta' Mifsud.

33. Wara din il-komunikazzjoni, l-attur kellem lil Mifsud, u *in vista* tal-komunikazzjonijiet li kien bagħat Mifsud, fejn qal li l-attur ma kienx għadu Direttur Artistiku, qallu li ma setax ikompli jaħdem taħt din it-tneħħija u taħt l-attitudni negattiva tal-istess Mifsud.

34. Minkejja dan kollu, Mifsud baqa' jagħmel fattiħ.

35. Kien f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-attur abbanduna l-kunċert. Ċirkostanzi li l-Ewwel Qorti emmnet li huma veri, anke fin-nuqqas ta' żmentita kredibbli mill-konvenuta. Żmentita li lanqas irnexxilha tagħmel l-appellanti f'dan l-istadju tal-appell.

36. Din il-Qorti tqis li sewwa kkonkludiet l-Ewwel Qorti li l-kuntratt ġie tterminat għal raġuni waħda: dik li l-attur ma qabilx mal-emendi proposti mill-konvenuta. Hekk ġie deċiż mill-Bord tal-konvenuta fil-laqgħa tal-21 t'Awwissu 2017. Din kienet l-unika raġuni vverbalizzata fil-minuti tal-Bord u kkomunikata lill-attur. L-ebda riferenza ma saret għal xi abbandun tal-kunċert tas-16 ta' Ġunju 2017. Għalhekk, il-kontroversja jekk l-attur abbandunax il-kunċert jew le, inkella jekk aderixxiex jew le mal-obbligi kuntrattwali tiegħu, huma rrilevanti. Kif diġà rilevat, ma jirriżultax li l-attur

abbanduna l-kunċert, imma anke li kieku għamel hekk, il-konvenuta ma setgħetx iġġib dan bħala raġuni għat-tkeċċija, għaliex it-tkeċċija ma kinitx ibbażata fuq din iċ-ċirkostanza: *electa una via, non datur recursus ad alteram*.

37. Barra minn hekk, din il-Qorti ssibha ferm inverosimili li l-Bord tal-konvenuta ma semmiex l-imsemmi allegat abbandun tal-attur bħala r-raġuni, jew almenu waħda mir-raġunijiet, għat-terminazzjoni tal-kuntratt. Dan isaħħaħ il-konklużjoni li wasslet għaliha l-Ewwel Qorti li din hija skuża fjakka li l-konvenuta ġabet biex tiddefendi ruħha biex tevita l-ħlas ta' tlett snin paga.

38. Fir-risposta ġuramentata tagħha, il-konvenuta eċċepiet li "kuntrarjament għal dak espost mill-attur, ma huwiex minnu li s-soċjetà konvenuta temmet il-kuntratt tiegħu peress illi huwa ma aċċettax l-emendi proposti lilu fil-kuntratt ta' impjieg". Din l-eċċezzjoni, ikkonfermata bil-ġurament, hija bla l-iċken dubju mgiddba mill-minuti tal-Bord tal-konvenuta stess kif ikkomunikati lill-attur. U xxellef mhux bi ftit il-kredibilità tal-konvenuta appellanti.

## Kontro-talba

39. In vista tal-kunsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li m'hemmx lok l-għala tiġi kkunsidrata l-kontrotalba.

***Decide:***

40. Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tiċħad l-aggravji tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-Ewwel Istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb